ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# Minuti tat-46 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Is-46 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, 2013.

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija b'talba.

Fl-assenza taċ-*Chairperson*, is-Sur Norman Clews Viċi-*Chairperson* ippresieda l-laqgħa.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-Membri tal-Kumitat is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Helena Debattista u s-Sur Simon Vella kienu skużati.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-45 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

## Item 4 – Korrispondenza

Dwar l-ittra mibgħuta mill-MEPA fejn intalbet laqgħa biex tiġi diskussa ir-Reviżjoni tal-Pjan Lokali għall-*area* ta' St Peter's, il-Kumitat fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, qabel unanimament li l-laqgħa ssir nhar il-Ħamis, 10 t'Ottubru, 2013 fil-5.30 ta' wara nofsinhar.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Dwar ix-xogħol li mistenni jsir fi Triq Patri Feliċjan Grech, is-Sur Farrugia ppropona li l-Kumitat jikteb lil Transport Malta biex max-xogħol ta' *resurfacing* li ser isir, tiġi rranġata ħofra kbira fi Triq il-Farfett tal-Fejġel li żżomm għadira ilma ma' kull xita li tagħmel. Is-Sur Clews issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li tinkiteb l-ittra.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bartolo talab li ssir mera f'tarf ta' Triq il-Marżebb ma' Triq l-Għakrux.

Huwa semma wkoll il-ħtieġa li jsiru *parking bays* fi Triq il-Marżebb u li jsir *single line* fin-nofs ta' Triq San Leonardu.

Is-Sur Farrugia talab li jsiru *double yellow lines* fi Triq il-Marżebb ma' Triq JG Baldacchino.

Huwa talab ukoll li jittieħdu l-passi kollha neċessarji biex il-blokki tal-konkos li tħallew mill-kumpanija Rock Cut fi Triq il-Farfett tal-Fejġel jitneħħew.

Is-Sur Bartolo semma x-xogħol li mistenni jsir fi Triq San Leonardu u qal li kien ser jiltaqa' mal-Perit u mal-kuntrattur bex ix-xogħol fuq il-bankini f'din it-triq jinbeda.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-47 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 30 t'Ottubru, 2013.

Norman Clews
Viċi-*Chairperson*